**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 458/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Herman Mula)

vs

**Jonathan Bonello**

iben Anthony, imwieled Pieta', fis-26 ta' Settembru, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 463079(M)

Illum, 27 ta' Novembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Bonello quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-26 ta' Dicembru 2011, kif ukoll fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzat ukoll talli huwa recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Gunju 2007 (Onor. Imhallef Joseph Galea Debono), sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet (ossia l-addebitu tar-recidiva) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u kkundannatu ghall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom u **multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta'

gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hlief ghall-ispejjez konnessi mat-tieni relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM2), liema relazzjoni giet redatta in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni li minnha l-imputat qed jigi illiberat u ghaldaqstant, qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-ewwel relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud (Dokument MM1) fis-somma ta' seba' mija, tnejn u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€742.20), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* ammontanti ghas-somma ta' mija u tmintax-il Euro u disa' centezmi (€118.09) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco, ammontanti ghas-somma ta' disa' mija, erbgha u sebghin Euro u erba' centezmi (€974.04), ammontanti dawn l-ispejjez ghal total ta' elf, tminn mija, erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,834.33). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, kif ukoll tal-karta ta' €50 falza li giet esebita bhala parti minn Dokument HM3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat wkoll ir-rilaxx tar-rimanenti somma flus (bl-eskluzjoni tal-karta ta' €50 falza) li wkoll giet esebita bhala Dokument HM3, favur l-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Bonello minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tvarja is-sentenza billi, filwaqt li tikonfermha f'dik il-parti fejn l-esponent gie misjub mhux hati tat-tieni imputazzjoni thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti fejn l-esponent gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni u minnflok issibu hati ta' pussess minghajr l-aggravju addebitat u f'kaz li ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu tvarja s-sentenza appellata f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena.

Rat it-talba maghmula mill-appellant fis-seduta tat-08 ta' Marzu 2018 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, kif ukoll id-digriet taghha tal-istess jum fejn giet milqugha t-talba tad-difiza sabiex tressaq provi f'dan ir-rigward.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fit-03 ta' Mejju 2019 fejn gie deciz hekk:

> *Ghaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta jissussistu, qed tilqa' t-talba tad-difiza u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537.*

Rat illi nhar il-25 ta' Awwissu 2020 il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ippreżenta r-rapport konklussiv tieghu fejn issottometta illi l-appellant issodisfa il-proċess ta' rijabilitazzjoni u kien temm l-istess b'suċċess.[1]

Rat n-nota pprezentata mir-Registratur tal-Qorti fuq ordni tal-Qorti minn fejn jirrizulta illi l-appellant ghandu kawza oħra pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Natasha Galea Sciberras) li tinsab differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2021 u allura is-subartikolu (6A) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ, billi din hi qorti fi grad ta' appell u kwindi ma tistax tirrikjama ebda kawza pendenti

[1] Ara rapport a fol. 439 tal-process

quddiem Qorti ta'l-ewwel grad sabiex ma jigix ippregudikat il-jedd tal-appell tal-persuna akkuzata.[2]

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm fl-ewwel aggravju minnu imqanqal l-appellant jikkritika s-sentenza appellata u dan ghar-raguni illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta sabitu hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga u dan ghaliex l-ammont ta' droga erojina misjub fil-pussess tieghu kellu jissarraf f'wiehed marbut mal-konsum personali, madanakollu wara li issa l-Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti dwar id-Droga, tqies illi gjaladarba dak li qed ifittex l-appellant bit-talba minnu maghmula issa fi stadju ta' revizjoni, huwa illi jinghata sentenza fil-komunita' jew sentenza alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva, hija tal-fehma illi qabel xejn ghandu jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi mir-rapport tal-Bord, kif hawn fuq imfisser, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fid-digriet taghha tat-03 ta' Mejju 2019, jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idonju sabiex fil-konfront tieghu jigu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta'***

---

[2] "Fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dan is-subartikolu, każijiet pendenti quddiem qrati fi grad ta' appell u każijiet pendenti quddiem qrati oħra għandhom jiġu deċiżi separatament mill-qrati rispettivi, sew jekk individwalment jew fi gruppi ta' każijiet imsejħin lura li jkunu pendenti quddiem qorti partikolari, sabiex ma jiġi ppreġudikat l-ebda dritt t'appell tal-akkużat."

***priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***

***Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.***

***(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.***

Illi mid-dokumenti annessi man-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni u li hija datata 25 ta' Awwissu 2020, jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant iggradwa b'suċċess mill-programm tal-*Caritas* fis-sena 2014. Wara dan huwa baqa' jagħmel użu mis-servizzi tal-Agenzija fejn kien iħalli l-kampjuni tal-urina regolarment u jattendi sezzjonijiet ta' gruppi u anke fuq bazi individwali, liema kuntatt baqa' wiehed regolari anke fiz-zmien meta l-pajjiz kien mahkum mill-pandemija tal-Covid-19 u dan b'mezz telefoniku. Jirriżulta wkoll illi l-appellant illum huwa hieles ghal kollox mid-dipendenza tieghu fuq id-droga, ghandu familja, impjieg fiss u hajja stabbli 'il boghod mill-vizzji.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jisthoqqlu akkoljiment. Fid-dawl tal-fatt ukoll illi l-appell tal-appellant ghalhekk gie arginat fil-parametri ta' din il-funzjoni li l-Qorti assumiet fuq talba tieghu stess, tqies illi ma ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravvju minnu ntentat marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-

droga.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellant gie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija l-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie illiberat mit-tieni imputazzjoni u fejn gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni lilu addebitata, izda tvarja il-piena inflitta, tghaddi ghalhekk biex tikkundanna lill-appellant Jonathan Bonello għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) mil-lum. Tikkundanna inoltre l-appellant ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, bit-terminu ta' sena moghti lill-appellant sabiex ihallas l-ispejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Maġistrati(Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Natasha Galea Sciberras) sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawża il-Pulizija vs Jonathan Bonello differita għas-sentenza għas-27 ta' Jannar 2021.

(ft) Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur